

32003R0814

L 116/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.5.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (EC) Nru 814/2003
tat-8 ta' Mejju 2003**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2501/2001 li japplika skema ġeneralizzata ta' preferenzi tat-tariffa għall-perjodu taż-żmien bejn 1-1 ta' Jannar 2002 u 1-31 ta' Diċembru 2004

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Sa mid-dħul b'effett fl-1 ta' Jannar 2002, ir-Regolament (KE) Nru 2501/2001 (⁽¹⁾) kien instab li kellu bżonn ta' ċerti emendi.
- (2) Partikolarmen, disposizzjoni speċifika għandha tkun introdotta sabiex tippermetti lil kwalunkwe pajjiż beneficijarju li jkun jiffaċċa kriżi ekonomika jew finanzjarja gravi li jkun eżentat mill-gradwazzjoni tas-setturi l-għoddha. Aktar minn hekk, la darba d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2501/2001 li jirreferu għal setturi ma jistgħax japplikaw għal prodotti li dwarhom l-lebda settur speċifiku ma jkun ġie assenjat, l-Anness III ta' l-imsemmi Regolament għandu jkun emendat sabiex jispeċifika settur għal kull prodott kopert bi kwalunkwe mill-arrangġamenti differenti.
- (3) Instab li kien impossibbli li tkun adottata l-ewwel deċiżjoni intiża fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament imsemmi hawn fuq qabel l-1 ta' Jannar 2003; għalhekk huwa xieraq li jkun hemm provvediment li t-tnejħija tal-preferenzi tat-tariffa għandha tkun applikabbli, f'żewġ stadi, mill-1 ta' Novembru 2003 sa l-1 Mejju 2004.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2501/2001 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2501/2001 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. Dan il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud ma l-Artikolu 10:
 “3. Il-preferenzi tat-tariffa referuti fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal prodotti tas-setturi li fir-rigward tagħhom dawk il-preferenzi ta' tariffa jkunu ġew imnejħħija, għall-pajjiż ta' l-oriġini kkonċernat, b'konformità mal-kolonna D ta' l-Anness I jew ta' deċiżjoni meħuda sussegwentament bi qbil ma l-Artikolu 12.”;

⁽¹⁾ ĠU L 346, tal-31.12.2001, p. 1.

2. Il-Paragrafu 6, ta' l-Artikolu 12 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“6. L-ewwel deċiżjoni meħuda bi qbil mal-paragrafu 5 għandha tkun tapplika kif ġej:

— għandha tkun tapplika fir-rigward tat-tnejħħija tal-preferenzi tat-tariffa bi 5-% sa mill-1 ta' Novembru 2003 u bi 100 % sa mill-1 ta' Mejju 2004, b'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1; u

— għandha tkun tapplika mill-1 ta' Jannar 203 fir-rigward ta' l-istabbelimemnt mill-ġdid ta' preferenzi tat-tariffa, b'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2.

Sussegwentament, deċiżjonijiet meħudha b'konformità mal-paragrafu 5 għandhom jidħlu fis-seħħħ fl-1 ta' Jannar tat-tieni sena li ssegwi 1 dik li ma tulha jkun meħuda.”;

3. Dan il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud ma l-Artikolu 12:

“8. Meta pajjiż beneficijarju jirregista tnaqqis ta' mill-anqas 3 % fil-Prodott Gross Domestiku reali tiegħu, espress fil-munita nazzjonali tiegħu u fir-rigward tal-perjodu l-aktar riċenti ta' 12 il-xhar li minnu l-informazzjoni tkun disponibili, il-paragrafu 1 m'għandux ikun applikabbli għad-deċiżjoni meħuda b'konformità mal-paragrafu 5.”;

4. Fl-Anness I, il-parti ta' spiegazzjoni bil-bidu għandha tkun emendata kif ġej:

Fir-referenza għal “Kolonna D”, il-parentesi “(l-Artikolu 7(8))” għandu jkun mibdul bi “(l-Artikolu 7(8) u l-Artikolu 10(3))”;

5. Fl-Anness II, it-test taħt il-Punt 4 (“Sorsi tal-istatistika”) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“Is-sorsi tal-istatistika għad-dħul kull ras huwa r-Rapport tal-Iżvilupp Dinji tal-Bank tad-Dinja, għall-prodott gross domes-tiku ta' dak il-kwart tas-sena kif prodott mill-İstatistika Finanzjarja Internazzjonali tal-IMF, għall-esportazzjoni manifatturat fl-İstatistika tal-NU Comtrade, u għall-importazzjoni fil-Komunità tal-İstatistika Comext.”;

6. Fl-Anness III, settur ieħor, kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għandu jkun miżjud.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 2003.

*Għall-Kunsill
Il-President
M. CHRISOCHOΪDIS*

ANNESS

(Is-Settur li għandu jkun miżjud ma l-Anness III kif referut fl-Artikolu 1, il-punt 6)

“XXXIV	<p>Metalli bażiċi oħrajn u ogħġetti minn metalli bażiċi</p> <p>7202 19; 7202 29; 7202 30 00; 7202 92 00; 7207 11 90; 7207 12 90; 7207 19 19; 7207 19 39; 7207 19 90; 7207 20 19; 7207 20 59; 7207 20 79; 7208 90 90; 7209 90 90; 7210 11 90; 7210 12 90; 7210 20 90; 7210 30 90; 7210 41 90; 7210 49 90; 7210 50 90; 7210 61 90; 7210 69 90; 7210 70 90; 7210 90 10; 7210 90 90; 7211 23 91; 7211 23 99; 7211 29 50; 7211 29 90; 7211 90 19; 7211 90 90; 7212 10 93; 7212 10 99; 7212 20 19; 7212 20 90; 7212 30 19; 7212 30 90; 7212 40 95; 7212 40 98; 7212 50 10; 7212 50 58; 7212 50 75; 7212 50 91; 7212 50 93; 7212 50 97; 7212 50 99; 7212 60 19; 7212 60 93; 7212 60 99; 7215 10 00; 7215 50; 7215 90 90; 7216 61; 7216 69 00; 7216 91; 7216 99 90; 7218 91 90; 7218 99 19; 7218 99 91; 7218 99 99; 7219 90 90; 7220 20 31; 7220 20 39; 7220 20 51; 7220 20 59; 7220 20 91; 7220 20 99; 7220 90 19; 7220 90 39; 7220 90 90; 7222 20; 7222 30 51; 7222 30 91; 7222 30 98; 7222 40 91; 7222 40 93; 7222 40 99; 7224 90 19; 7224 90 91; 7224 90 99; 7225 20 90; 7225 91 90; 7225 92 90; 7225 99 90; 7226 11 90; 7226 19 90; 7226 20 80; 7226 92 90; 7226 93 80; 7226 94 80; 7226 99 80; 7228 10 50; 7228 10 90; 7228 20 60; 7228 40; 7228 50; 7228 60 81; 7228 60 89; 7228 70 91; 7228 70 99; 7229; 7301 20 00; 7302 10 10; 7302 40 90; 7302 90 30; 7302 90 90.”</p>
--------	--